# *Triq Sant'Anna matul is-snin*

*minn Mario Fenech*



Kull min jgħaddi min Triq Sant'Anna biex jidħol jew joħrog mil-Belt Valletta, għandu jinnota l-mod eleganti li bih hija mfassla din it-triq.

Ma' l-ewwel snin tal-bini tal-Belt il-ġdida, din il-parti tal-Floriana bdiet tikseb l-importanza tagħha, tant li nafu li l-Kavallieri ta' l-Ordni ta' San Gwann kienu rsistew mhux ftit biex din l-art tinbena b'mod xieraq b'diversi Palazzi u bini sabieħ ieħor. Kienu bnew ukoll żewġ bibien sbieħ ħafna, dak tal-Bombi kif inhu magħruf l-aktar mibni fis-sena 1721 fi żmien il-ħakma tal-Gran Mastru Perellos fuq il-pjanta ta' l-Arkitett Mondion, u bieb ieħor aktar il-fuq, lejn tarf "La Strada Della Citta" illum Triq Sant'Anna li kien magħruf bħala "Porta Dei Cani"

Dak tal-Bombi qabel kien jagħmel parti mis-swar li kienu jdawwru din il-parti tal-Floriana, Iżda minħabba l-esigenzi tat-traffiku li dejjem kien qiegħed jiżdied kien inqata minn mas-swar fis-sena 1868. Dan ix-xogħol kien taħt id-direzzjoni ta' l-Inginier Ingliż Dunford. Il-Bieb l-ieħor sfortunatament intilef għal kollox meta tneħħa fis-sena 1898. Dan kien jgħamel parti mis-swar li għadhom jidhru sal-lum, fejn hemm in-niċċa ta' Sant'Anna.

Kif nistgħu naraw minn din l-impressjoni artistika ta' l-Artist Schranz din it-triq kienet waħda movimentata ħafna u diġa kellha l-loġoġ maż-żewġ naħat tagħha. Dan ix-xogħol ta' Schranz sar lejn is-sena 1840 meta kif diġa għidna aktar qabel din it-triq kienet għadha tissejjaħ Strada Della Citta.

Fiċ-ċentru tax-xena naraw il-funtana ta' l-iljun. Din saret mil-Gran Mastru Antonio Manoel De Vilhena fis-sena 1728 u l-kitba bil-Latin li hemm mal-bażi tagħha tgħid hekk:
*"Lill abitanti tal-Belt li qegħdin joktru il-Gran Mastru Don Anton Manoel De Vilhena, Prinċep li jħobb wisq lil poplu dan is-Subborg ikkonċeda u din l-għajn amar tingħamel – 1728"*

Fit-tieni ritratt naraw din il-funtana mil-qrib fil-post li kienet sa ma faqqgħet it-tieni gwerra dinjija. Kif wieħed jista jinnota, din kienet iktar qrib lejn salib it-toroq eżatt qabel ma wieħed idur għat-triq ta' wara l-Knisja Parrokjali ta' San Publju. Naraw fil-parti ta' fuq ta' dan ir-ritratt jidhru l-kampnari tal-knisja qabel ma' l-bini tal-ġenb tat-triq żdied b'sular ieħor, kif naraw fit-tielet ritratt li jressaqna lejn l-aħħar tas-snin tletin meta din il-parti tat-triq kienet diġa saret traffikuża.

Naraw kemm kienet sabiħa t-triq bil-loġoġ mal-ġnub tagħha, u kemm bini għoli u sabieħ kien inbena biex ilaħħaq mad-domanda tal-popolazzjoni li dejjem kienet qiegħda tikber. Dan il-bini nqered ħafna minnhu bil-bombi ta' l-għadu waqt it-tieni gwerra dinjija tant li wara li ntemmet il-gwerra kien ġie deċiż li din it-triq tinbena mil-ġdid, titwessa, u jerġgħu isiru l-loġoġ kif kienu qabel. Il-funtana ta' l-iljun ħelsitha ħafif mil-qilla tal-bombi peress li quddiemha kien inbena 'blastwall', bħal dak li kien hemm quddiem in-niċċa ta' San Publju fil-knisja. Kien proprju dan il-'blastwall' li ma ħalliex l-istatwa Titulari tinqered għal kollox meta ntlaqtet il-knisja.





Man-naħa tal-lemin tat-tielet ritratt tidher l-istatwa tal-ġebel li kien hemm fil-kantuniera' din kienet ta' San Gwann Nepomiceno u ntilfet bil-gwerra.

Meta tlesta x-xogħol tal-bini mil-ġdid ta' Triq Sant'Anna inħasset il-ħtieġa li ż-żewġ monumenti li kienu fit-truf tagħha jiġu mċaqalqa biex jiġu bi drittha. Għaldaqstant il-funtana ta' l-iljun iżżarmat u ġiet imċaqalqa nhar it-12 ta' Lulju 1956 u tressqet lura f'salib it-toroq. Tlestiet fil-post il-ġdid fejn għadha sal-lum lejn l-aħħar tas-sena 1958. Min-naħa l-oħra l-monument ta' l-ewwel gwerra dinjija li kien ġie inawgurat f'Jum l-Armistizzju, jiġifieri nhar il-11 ta' Novembru 1938 mil-Gvernatur Charles Bonham Carter,

Iżżarma min fejn kien, mit-triq li twasslek għal-Berġa ta' Kastilja nhar l-10 ta' April 1947 biex tpoġġa fil-post fejn nafuħ illum.

Kien jixraq li din it-triq tinbena bil-mod eleganti li nafuha biħ illum, dan għaliex il' quddiem kellha tilqa fiha Ambaxxati, Banek Kummerċjail, Ċinema, Stabbilimenti, Uffiċini, Każini Politiċi u fuq kollox is-sede tas-Soċjeta Filarmonika Vilhena li fiha wkoll tħaddan is-sede tal-Floriana Football Club. Biex din il-lista tkun kompluta dan l-aħħar snin żdiedet ukoll f'din it-triq l-istatwa ta' dak il-Gran Mastru li tant kellu għal qalbu dan is-Subborg, il-GranMastru Antonio Manoel De Vilhena, Patrun tas-Soċjeta Mużikali li tagħti s-sehem tagħha f'din il-Festa ta' San Publju

IL-FESTA T-TAJBA LILL KULLĦADD.




**NOEL VELLA**
**ENGINEERING WORKS**
**General Engineering Limited**
**Supplies & Services**
Triq il-Gadrajja, Albert Town, Marsa Tel: 2123 6547 Fax: 2125 1075 Mob: 7949 9496
e.mail:emavel@maltanet.net
